# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 26 ta' Ottubru, 2022.**

**Numru 20**

**Rikors numru 488/2018/1 AF**

**Cantiere Navale Basilio Postigliole S.r.l. (soċjeta` reġistrata l-Italja bil-kodiċi fiskali 08322551212) u bid-digriet tal-24 ta' Mejju 2018, il-Qorti ordnat il-korrezzjoni fl-okkju li jrid jaqra "Cantiere Navale Postiglione S.r.l."**

**v.**

**MY Bizzy (reġistrat f'Antwerp, Belġju bin-numru 57505) u fis-16 ta' Mejju 2019 il-Qorti laqgħet it-talba u ordnat li jissejħu fil-kawża Gordon Debono u Salvatore Montagna u b'digriet fil-verbal tal-11 ta' Ġunju 2019 il-Qorti rrevokat is-sejħa fil-kawża ta' Gordon Debono u Salvatore Montagna**

1. Din il-kawża ġiet intavolata mis-soċjeta` attriċi li tippremetti li hija kreditriċi tal-bastiment konvenut fl-ammont ta' €131,760, rappreżentanti prezz għal xogħlijiet u servizzi mwettqa fuq il-*yacht* konvenut jew in konnessjoni miegħu.

2. F'dawn il-proċeduri hija talbet għalhekk lill-Ewwel Qorti sabiex:

> "1. Tikkundanna lill-intimat ihallas lis-socjetà rikorrenti is-somma ta' €131,760.00 dovuta lilha minnu bhala prezz ghax-xogholijiet u servizzi mwettqa fuqu jew in konnessjoni mieghu.
>
> Bl-imghax legali sad-data tal-effettiv pagament u bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra bonarja u tal-mandat fuq imsemmija."

3. Il-bastiment konvenut eċċepixxa, *inter alia,* li għandhom jiġu msejħa fil-kawża Gordon Debono u Salvatore Montagna, li l-attriċi ma setgħetx tipproċedi b'azzjoni *in rem* kif għamlet, li l-attriċi għandha turi li r-rekwiżiti meħtieġa għall-ġurisdizzjoni *in rem* skont l-Artikolu 742D tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta huma sodisfatti, li l-attriċi jeħtieġilha tressaq prova tal-mandat mogħti sabiex jitwettaq id-dispost tal-Artikolu 156(4) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta u r-riżoluzzjoni li permezz tagħha ngħata l-mandat, li l-attriċi għandha tressaq prova tal-esekuzzjoni tax-xogħlijiet reklamati, il-ftehim governanti l-istess, tal-fatturi ndividwali komponenti r-rendikont anness mar-rikors maħluf u ż-żmien li fih ġew allegatament imwettqa x-xogħlijiet, li la l-bastiment konvenut u lanqas is-sid tiegħu qatt ma talbu, ikkuntrattaw u/jew awtorizzaw, jew setgħu jagħmlu dan, lis-soċjeta` attriċi, u li m'għandu jħallas xejn lis-soċjeta` attriċi.

4. Bis-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tat-13 ta' Jannar 2022 ġie deċiż hekk:

> "Għalhekk u għal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt li tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-yacht intimat, tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-yacht intimat iħallas lis-soċjetà attriċi s-somma ta' mija u wieħed u tletin elf seba' mija u sittin Ewro (€131,760) dovuta lis-soċjetà attriċi bħala prezz għax-xogħlijiet u servizzi mwettqa fuq il-yacht intimat jew in konnessjoni miegħu, bl-imgħax mid-data tas-sentenza.
>
> L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-yacht intimat."

5. Il-bastiment konvenut ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fis-7 ta' Frar 2022 permezz ta' liema talab lil din il-Qorti sabiex tannulla, tħassar u tirrevoka ż-żewġ digrieti tas-7 ta' Ottubru 2021 u tat-28 ta' Diċembru 2021, tannulla, tħassar u tirrevoka s-sentenza tat-13 ta' Jannar 2021 u tirrimetti lura l-kawża lill-Ewwel Qorti, bil-partijiet jitpoġġew fl-*istatus quo ante* s-sentenza appellata, sabiex l-Ewwel Qorti terġa` tisma' u tiddeċiedi l-kawża fil-mertu, bl-ispejjeż kollha taż-żewġ istanzi kontra s-soċjeta` appellata.

6. Is-soċjeta` attriċi appellata ppreżentat ir-risposta tal-appell tagħha fit-28 ta' Marzu 2022 permezz ta' liema ssottomettiet li din il-Qorti għandha tiċħad l-appell tal-bastiment konvenut, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra tiegħu.

**Ikkonsidrat;**

7. Il-bastiment konvenut jilmenta li l-Ewwel Qorti naqset milli tagħtih kull opportunita` sabiex jikkontesta l-allegazzjonijiet tas-soċjeta` attriċi u

dan billi ċaħditu wkoll mid-dritt li jippreżenta nota ta' sottomissjonijiet finali qabel ma għaddiet għas-sentenza tagħha. Jargumenta li l-Ewwel Qorti kellha almenu tikkonċedilu l-opportunita` li jippreżenta s-sottomissjonijiet tiegħu bil-miktub u li jitratta l-kawża quddiemha, u dan partikolarment ikkonsidrat li dan id-dritt jingħata anke lil min ikun kontumaċi fil-kawża. Jgħid li huwa fil-fatt ma kienx kontumaċi u kellu d-dritt li jressaq is-sottomissjonijiet tiegħu quddiem il-Qorti bis-saħħa tal-Artikolu 204(1)(a) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, u li dawn ir-regoli proċedurali għandhom jiġu osservati f'kull kawża mingħajr distinzjoni bejn in-natura tal-proċeduri in kwistjoni. Jilmenta li l-Ewwel Qorti kienet riġida miegħu, tant li minkejja li ressaq żewġ rikorsi fejn spjega l-posizzjoni tiegħu u talab l-aħħar opportunita` biex iressaq il-provi tiegħu u nota ta' sottomissjonijiet finali, l-Ewwel Qorti ċaħdet dawn it-talbiet u ddifferiet il-kawża għas-sentenza. Isostni li kieku l-Ewwel Qorti kellha tilqa' dawn it-talbiet tiegħu s-soċjeta` attriċi ma kienet ser issofri l-ebda preġudizzju filwaqt li biċ-ċaħda ta' dawn it-talbiet il-posizzjoni tiegħu ġiet serjament preġudikata billi ġie mċaħħad mid-dritt għal smigħ xieraq. Iżid li r-regoli fondamentali tal-ġustizzja naturali għandhom jiġu rispettati minn kull Qorti b'mod li jiġi assigurat li kull parti tingħata l-possibilita li tesponi l-pretensjoni jew eċċezzjonijiet tagħha u li tipproduċi l-provi in sostenn tal-istess. Ikompli li għalkemm jirrikonoxxi li bi żvista u b'mod ġenwin naqas milli jsegwi l-kawża u jieħu konjizzjoni ta' tlett differimenti intiżi għall-provi tiegħu, dan ma kellux jiġi nterpretat bħala nuqqas ta' interess fil-kawża min-naħa

tiegħu, partikolarment meta jiġi meqjus ir-rwol attiv li ħa matul l-andament tal-kawża quddiem l-Ewwel Qorti qabel dawn it-tlett seduti partikolari. Jilmenta wkoll li l-provi prodotti mis-soċjeta` attriċi ma kinux eżawrijenti in kwantu s-soċjeta` attriċi ma ressqet l-ebda prova dwar l-esekuzzjoni tax-xogħlijiet reklamati, il-ftehim li kien jiggverna l-istess, il-fatturi ndividwali komponenti r-rendikont anness mar-rikors ġuramentat u ż-żmien li fih allegatament ġew imwettqa x-xogħlijiet in kwistjoni u għalhekk l-Ewwel Qorti ċertament ma setgħtx raġonevolment tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

8. Is-soċjeta` appellata tirribatti li l-bastiment appellant kellu kull opportunita` li jidher quddiem l-Ewwel Qorti u jressaq il-provi tiegħu iżda dan għażel li ma jagħmlux mingħajr ebda raġuni valida. Tgħid illi l-Ewwel Qorti kienet ħalliet il-kawża għas-sentenza wara li nnotat in-nuqqas ta' interess fil-kawża muri mill-bastiment appellanti, u li għalhekk m'hemm l-ebda ksur tal-prinċipju ta' *audi alteram partem* għaliex skont dan il-prinċipju mhuwiex assolutament essenzjali li l-provi tal-konvenut jinstemgħu f'kull każ iżda biss li l-konvenut jingħata opportunita li jidher u jressaq il-każ tiegħu. Tgħid li kieku kien mod ieħor dan ikun ifisser li konvenut jista' jibqa' passiv bil-konsegwenza li kawża qatt ma tingħalaq. Targumenta li kien jispetta lill-bastiment appellanti li jsegwi ir-regoli tal-proċedura u jekk naqas milli jagħmel dan, dan għamlu b'riskju tiegħu. Iżżid li huwa ċar li l-appellant ma nstemax minħabba nuqqasijiet

attribwibbli lilu nnifsu u għalhekk ma jista' jwaħħal f'ħadd aktar ħlief fih innifsu għall-eżitu tal-proċeduri.

***Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti***

9. Dan l-appell jirrigwarda l-allegata nullita` tas-sentenza minħabba li, skont il-bastiment appellant, l-Ewwel Qorti ċaħditu mill-opportunita` li jressaq il-provi u s-sottomissjonijiet tiegħu bi ksur tal-prinċipju ta' ġustizzja naturali ta' *audi alteram partem* u d-dritt għal smigħ xieraq, u li fil-mertu ma kienx hemm bizzejjed provi biex il-Qorti tilqa' t-talbiet attrici.

10. Mill-atti tal-kawża jirriżulta li fil-15 ta' Gunju 2021 l-Ewwel Qorti kienet iddifferiet il-kawża għas-sentenza għall-20 ta' Ottubru 2021. Fil-5 ta' Ottubru 2021 il-bastiment appellant ippreżenta rikors permezz ta' liema talab is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza u awtorizzazzjoni sabiex iressaq il-provi u s-sottomissjonijiet finali tiegħu, liema talba ġiet miċħuda mill-Ewwel Qorti permezz ta' digriet datat 7 ta' Ottubru 2021 wara li "[r]at in-nuqqas ta' nteress li ntwera fil-kawża..." Sussegwentement il-bastiment appellant preżenta rikors ieħor fit-18 ta' Ottubru 2021 bl-istess talbiet. Is-soċjeta` attriċi kienet oġġezzjonat għat-talba tal-bastiment konvenut u dan ir-rikors kien ukoll ġie miċħud permezz ta' digriet datat 28 ta' Diċembru 2021 għall-istess raġunijiet.

11. Il-Qorti rat li għalkemm il-bastiment appellant jikkontendi li huwa kien naqas milli jidher biss għal tlett seduti, fil-verita` jirriżulta li meta l-kawża tħalliet għas-sentenza fil-15 ta' Ġunju 2021, l-aħħar darba li l-bastiment appellant kien deher quddiem l-Ewwel Qorti kienet sentejn qabel, u ċioe` fil-11 ta' Ġunju 2019. Jirriżulta wkoll li l-avukat difensur tal-bastiment appellant kien ġie notifikat fis-6 ta' Jannar 2021 bil-provi dokumentarji li kienu ġew ippreżentati mis-soċjeta` appellanti, u għalhekk żgur li ma jistax jingħad li l-bastiment appellant ma kienx qiegħed jiġi miżmum informat b'dak li qed jiġri fil-kawża, oltre l-fatt li l-verbali tal-kawża huma pubbliċi u għalhekk kien possibbli u faċli għall-appellant li jsegwi l-andament tal-kawża. Il-Qorti tinnota inoltre li l-aħħar darba li Marie Louise Attard, sid il-bastiment appellant, dehret quddiem l-Ewwel Qorti kien fit-30 ta' April 2019, u lanqas wara li ntalbet is-sospensjoni tal-prolazzjoni tas-sentenza ma ndenjat ruħha li tidher quddiem il-Qorti sabiex turi b'mod konkret l-interess tagħha f'din il-kawża.

12. Il-Qorti tosserva wkoll li l-Ewwel Qorti ma ngħatat l-ebda raġuni valida għan-nuqqas min-naħa tal-bastiment appellant li jsegwi l-kawża. L-unika raġuni li ngħatat kien fis-sens li bi żvista l-appellant għamel xi żmien ma jsegwix il-kawża. Dan kien bejn is-17 ta' Frar 2021 sakemm il-bastiment ressaq rikors f'Ottubru 2021. Il-Qorti għalhekk ma tqisx li l-Ewwel Qorti wżat id-diskrezzjoni tagħha ħażin meta ċaħdet it-talbiet tal-appellant fir-rikors ta' Ottubru 2021 għaliex in-negliġenza sfaċċata ta'

parti li ssegwi l-kawża tagħha għal sentejn sħaħ mhijiex raġuni valida sabiex kawża titħalla tkompli titwal meta dik il-parti eventwalment tagħżel li terġa' titfaċċa quddiem il-Qorti ftit tal-ġimgħat qabel l-għoti tas-sentenza. Fil-kuntest ta' din il-kawża u l-atteġġjament tal-appellant, anke l-argument tiegħu dwar id-dritt tal-partijiet li jressqu s-sottomissjonijiet tagħhom ma jreġix. Ikkonsidrat li l-kawża kienet ilha differita għas-sentenza minn nofs Ġunju u l-appellant stenbaħ u ftakar fil-kawża biss ftit ġimgħat qabel l-għoti tas-sentenza f'Ottubru, huwa ċar li anke kieku l-Ewwel Qorti tat żmien għall-preżentata tan-noti ta' sottomissjonijiet, dak it-terminu kien ikun skada meta l-appellant reġa' beda juri interess fil-proċeduri. F'dan ir-rigward il-Qorti tagħmel referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anthony Mario Vella et v. Reġistratur tal-Qorti Ċivili u Tribunali et** (Kost., 27/01/2021) li kienet tirrigwarda lment simili, fejn il-Qorti Kostituzzjonali qalet hekk:

> "Il-Qorti tfakkar illi huwa d-dmir tal-partijiet f'kawza illi jiehdu hsieb iharsu l-interessi taghhom fil-kawza billi jsegwu l-andament tal-kawza u jaraw illi jipproducu l-provi taghhom minghajr dewmien irragjonevoli. F'dan il-kaz, huwa car illi l-appellanti nghataw opportunita` ampja sabiex iressqu d-difiza taghhom quddiem il-Qorti izda huma naqsu milli jaghmlu uzu minn kwazi kull opportunita` moghtija lilhom ghal ragunijiet li huma mputabbli lilhom biss.
>
> [*omissis]*
>
> Illi l-Qorti tirrileva wkoll illi l-verbali tal-Qorti u d-dati tad-differimenti huma pubblikament u facilment accessibli kemm ghall-avukati u kif ukoll ghall-partijiet u terzi persuni mis-sit elettroniku. Illi ghalhekk m'hemm lebda gustifikazzjoni ghan-nuqqas tal-appellanti illi jidhru ghas-seduti quddiem il-Qorti, jew imqar jidher l-avukat difensur taghhom."

13. Apparti dan kollu la darba l-bastiment appella mis-sentenza kellu kull opportunita` li jagħmel l-argumenti tiegħu quddiem il-Qorti tal-Appell dwar il-mertu.

14. Dwar l-argument tal-appellant li l-Ewwel Qorti ma setgħetx raġonevolment tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha fuq il-provi prodotti mis-soċjeta` appellanti, il-Qorti tosserva li l-attriċi ressqet rendikont li juri x-xogħlijiet li għamlet u l-ammont pretiż għal kull wieħed minnhom, dikjarazzjoni ġuramentata mill-Kaptan tal-bastiment appellant li s-soċjeta` attriċi kienet ġiet inkarigata tagħmel dawn ix-xogħlijiet fuq struzzjonijiet tas-sid tal-bastiment Marie Louise Attard, u li hu kien qiegħed iżommha nformata dwar ix-xogħlijiet li kienu qegħdin isiru u li x-xogħlijiet indikati fir-rendikont effettivament saru. Mill-affidavit ta' Garofalo Salvatore imbagħad jirriżulta li dawn ix-xogħlijiet kienu saru f'Napli bejn April u Ġunju 2016. Fid-dawl ta' din ix-xhieda li ma ġietx kontestata minħabba li l-bastiment naqas milli jsegwi b'diliġenza din il-kawża, tirriżulta inverosimili l-allegazzjoni tal-appellant li dawn ix-xogħlijiet saru mingħajr il-kunsens u *ad insaputa* ta' Marie Louise Attard. Kien jispetta lill-appellant għalhekk li jxejjen dawn il-provi prodotti mis-soċjeta` attriċi u jressaq provi in sostenn tal-allegazzjonijiet tiegħu. Jekk dan m'għamlux jaħti għalih huwa biss minħabba l-attitudni negliġenti tiegħu.

15. Għaldaqstant l-appell tal-bastiment konvenut huwa nfondat meta tqis il-proceduri fit-totalita` taghhom, u għalhekk qed jiġi miċħud.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tiċħad l-appell tal-bastiment konvenut u tikkonferma s-sentenza appellata, bl-ispejjeż kontra l-appellant.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr